*Stqarrija Konġunta għall-Istampa 05.09.25*

**Ġustizzja għal Artna – Staġun ta’ Reżistenza tal-Poplu**

Illum qed inniedu l-kampanja Ġustizzja għal Artna biex nirreżistu t-theddida bla preċedent li qed jiffaċċjaw l-ambjent, il-kwalità tal-ħajja, u d-demokrazija ta’ pajjiżna: il-pakkett leġiżlattiv tal-Gvern li jfittex li jneħħi s-salvagwardji kollha tal-ippjanar li hemm fis-seħħ bħalissa.

Tista’ ssib aktar informazzjoni dwar il-kampanja fuq www.gustizzjartna.org.  Gruppi madwar Malta u Għawdex, kemm dawk formali kif ukoll dawk informali, huma mistiedna jingħaqdu magħna billi jibagħtu email lil info@gustizzjartna.org. Dawn il-gruppi jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet mhux governattivi, residenti, studenti, ħaddiema, u bdiewa: mistiedna jipparteċipaw il-gruppi mhux partiġġjani kollha li l-għanijiet tagħhom huma konformi ma' dawk ta’ din il-kampanja.

Fl-aħħar ta’ Lulju, il-Gvern ipprova jmexxi 'l quddiem b’żewġ abbozzi ta' liġi dwar l-ippjanar. L-Abbozz 143 kellu l-għan li jagħti setgħat dittatorjali lill-Awtorità tal-Ippjanar, jirrendi l-pjanijiet lokali ineffettivi, u jiftaħ il-bibien għal żvilupp distruttiv f'kull rokna tal-pajjiż. L-Abbozz 144, ippreżentat taħt l-iskuża ta' riforma tal-proċess tal-appelli, fir-realtà fittex li jċaħħad lin-nies mid-dritt tagħhom li jikkontestaw b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar billi ħoloq għadd kbir ta' ostakli u neħħa s-setgħa tal-Qorti li tirrevoka l-permessi tal-iżvilupp.

Kien biss grazzi għall-intervent f'waqtu ta’ organizzazzjonijiet, komunitajiet, u individwi li dawn il-pjanijiet malizzjużi twaqqfu temporanjament. Ir-rabja mifruxa tal-pubbliku ġiegħlet lill-Gvern iwaqqaf għal ftit il-kontinwazzjoni tagħhom.

Iżda t-theddida tibqa'. Issa t-taqbida trid tintensifika. L-hekk imsejjaħ proċess ta' konsultazzjoni, li jagħlaq fis-7 ta' Settembru, mhu xejn għajr paraventu mfassal biex idgħajjef ir-reżistenza pubblika għal dan l-assalt tal-iżviluppaturi. Dawn l-Abbozzi ta' Liġi huma strutturalment malizzjużi – huma mfassla biss biex jagħtu s-setgħa lill-iżviluppaturi u lill-ħbieb tagħhom f'awtoritajiet korrotti - u ma jistgħux jiġu salvati. Fl-istess ħin, il-Gvern ippubblika tliet abbozzi ta' avviżi legali li jagħtu amnestija ġenerali għal kull tip ta' illegalitajiet fl-ippjanar u ambjentali, irrispettivament mill-iskala jew il-post.

It-talbiet tal-kampanja huma ċari:

1. L-irtirar immedjat tal-abbozzi ta' liġi u l-avviżi legali. Ma tistax issir konsultazzjoni dwar leġiżlazzjoni li hija fundamentalment difettuża, malizzjuża fl-intenzjoni tagħha, u li ma tistax tissewwa.

2. L-introduzzjoni urġenti ta' miżura li tissospendi x-xogħlijiet ta' żviluppi approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar waqt li jkun għaddej appell, permezz ta' emenda għal-liġi eżistenti.

3. Il-pubblikazzjoni ta' White Paper biex titnieda konsultazzjoni ġenwina dwar ir-riformi usa' tal-ippjanar li Malta verament teħtieġ.

Ġustizzja għal Artna qed tniedi staġun ta' reżistenza tal-poplu għal dan l-attakk totali fuq id-dritt tan-nies li jgħixu f'pajjiż mhux immexxi mir-regħba. Fil-jiem li ġejjin għandhom jitħabbru d-dettalji dwar l-inizjattivi u l-azzjonijiet li jiffurmaw parti mill-kampanja.

**Għaqdiet**

BirdLife Malta

Din l-Art Ħelwa

Flimkien għal Ambjent Aħjar

Friends of the Earth Malta

Front Żgħażagħ għall-Ambjent

Għawdix

Moviment Graffitti

Nature Trust – FEE Malta

Ramblers Association

Wirt Għawdex